

Brussell, 7 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11459/23

TRANS 298
COWEB 100
ELARG 42

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	11457/23 10477/23
Suġġett:	Konsultazzjoni tal-Kunsill mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-UE fir-rigward tat-tielet reviżjoni mill-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Anness I għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport - Approvazzjoni

1. Permezz ta' ittra li waslet fit-12 ta' Ġunju 2023, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea qed jikkonsultaw lill-Kunsill dwar it-tielet reviżjoni ppjanata tal-Anness I għat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport (TCT)¹. Il-konsultazzjoni minn qabel mill-Kunsill issegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/32².
2. Abbażi ta' din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni biħsiebha tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali dwar is-suġġett. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jista' jaġġorna l-*acquis* tal-Unjoni, li huwa jew li ser isir obligatorju fit-TCT f'konformità mal-Artikolu 3(1) TCT flimkien mal-Annessi I u II u mal-protokoll individwali għat-TCT.

¹ ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3-53.

² F'konformità mal-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/32 dwar il-Konklużjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1), meta jiġu aġġornati l-Atti tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness 1 għat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kunsill dwar il-pożizzjoni antiċipata permezz ta' dokument bil-miktub.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - kwistjonijiet intermodali u networks eżamina d-dokument ta' konsultazzjoni fis-27 ta' Ġunju 2023. Abbażi tal-kummenti fil-laqgħa tal-grupp ta' ħidma u tal-kummenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet, li l-Kummissjoni kienet apprezzat, il-Presidenza ċċirkolat abbozz ta' rispons tal-Kunsill fil-5 ta' Lulju 2023³. Fin-nuqqas ta' aktar kummenti mid-delegazzjonijiet, l-abbozz ta' rispons tal-Kunsill għandu jiġi approvat kif żviluppat fil-grupp ta' ħidma.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-approvazzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden japprova r-rispons għall-konsultazzjoni li jinsab fl-Anness għal din in-nota.
-

³ Ara d-dokument ST 11457/23.

**Suġġerimenti tal-Kunsill fir-rigward tat-tielet aġġornament tal-Anness I
għat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport**

Il-Kunsill jirringrazzja lill-Kummissjoni talli kkonsultat dwar l-abbozz ta' pożizzjoni tal-UE bi tħejjija għat-tielet deċizzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali li taġġorna l-Anness I għat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport (*acquis* tal-Unjoni). Il-Kunsill jixtieq li l-Kummissjoni tiegħu kont tal-elementi li ġejjin:

ANNESS I.3 - REGOLI APPLIKABBLI GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ

Infurzar tal-leġislazzjoni soċjali

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2021/2179 jispeċifika l-funzjonalitajiet tal-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") għall-finijiet tal-Artikolu 1(11) tad-Direttiva (UE) 2020/1057. L-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2020/1057 jistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward ta' ċerti aspetti tad-Direttiva 96/71/KE b'rabta mal-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u tad-Direttiva 2014/67/UE b'rabta mar-rekwiżiti amministrattivi u mal-miżuri ta' kontroll għall-istazzjonar ta' dawx ix-xufiera. L-Artikolu 1(11) tad-Direttiva (UE) 2020/1057 jistabbilixxi deroga mir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/67/UE, li timmira għal sistema ta' kontroll speċifika għax-xufiera stazzjonati.

L-Anness I tat-TCT ma jinkludix atti li jappartjenu għar-regoli tal-Unjoni dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema. Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/2179 ma għandux jiġi elenkat.

Trasport intern ta' oġġetti perikolużi

Meta titqies iż-żieda ppjanata fl-Anness I tal-atti emendatorji għad-Direttiva 2008/68/KE, il-Kunsill jissuġġerixxi li r-referenza għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1095 tad-29 ta' Ġunju 2022 tiġi sostitwita bir-referenza għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1198 tal-21 ta' Ġunju 2023, li ġiet ippubblikata reċentement u tissostitwixxi t-taqsimiet li qabel kienu ġew emendati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1095.

ANNEX I.5 (REGOLI APPLIKABBLI GĦAT-TRASPORT FL-ILMIJET NAVIGABBLI INTERNI):

Trasport intern ta' oġġetti perikolużi

Il-kumment li sar dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi fit-trasport bit-triq huwa validu wkoll għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni.
